MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2006

Appell Civili Numru. 1584/2005/1

**GasanMamo Insurance Limited**

**vs**

**Untours Insurance Agents Limited**
**u dina ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` assikuratrici estera Qatar Insurance Company**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' Jannar, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Lulju 2005, fejn is-socjeta` attrici talbet illi dik konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' erba` mija u tmienja u erbghin Liri Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm448.53) rappresentanti hlas indebitu li sar lis-socjeta` konvenuta

minn dik attrici in segwitu ghall-incidenti awtomobilistiku tal-31 ta' Marzu 2004 fi Triq Notabile, Attard, bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ABF 215, misjuqa minn u proprjeta` ta' Kevin Borg, illi kien assikurat mas-socjeta` attrici u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JMS 274 proprjeta` ta' Vincent Victor Farrugia, illi kien assikurat mas-socjeta` konvenuta. Bl-ispejjes msemmija u bl-imghax mid-data tal-hlas indebitu in kwistjoni.

Ra r-risposta ppresentata mis-socjeta` konvenuta fis-17 ta' Awissu 2005 fejn inghad illi dak mitlub mis-socjeta` attrici ghandu jigi michud bl-ispejjes ghax is-socjeta` eccipjenti ma rceviet xejn indebitu, izda biss dak dovut.

Ra x-xhieda ta' Hubert Said tas-6 ta' Ottubru 2005, Supervisor fil-Motor Claims Department tas-socjeta` attrici. Dan esebixxa DOK HS1, li hija korrispondenza li ghaddiet bejn is-socjetajiet kontendenti fit-12 ta' Mejju 2004 u li permezz taghha s-socjeta` attrici ammettiet ir-responsabbilita` ta' l-incident u anzi talbet ghall-kontijiet sabiex tkun tista` thallashom. Dan b'referenza ghall-incident, kif intestat, *Motor Vehicle Accident of the 31/03.04 at Attard*. Ix-xhud spjega illi din l-*acceptance of liability* kienet riferibbli biss ghall-hsara illi l-vettura ta' l-assikurat tas-socjeta` konvenuta kellha fuq quddiem u spjega ukoll illi s-socjeta` attrici qatt ma accettat xi responsabbilita` ma' Montalto Insurance Agency Limited dwar il-hsarat illi l-istess vettura soffriet fuq in-naha ta' wara taghha.

L-istess u l-uniku xhud f'dawn il-proceduri, ippresenta ukoll DOK HS 2, - survey report li sar fuq il-vettura ta' l-assikurat tas-socjeta` konvenuta, maghmul mill-istess socjeta` konvenuta jew nies mqabbda minnha, liema dokument jindika illi kien hemm hsarat fuq il-vettura JMS-274 sia fuq in-naha ta' quddiem taghha u sia fuq in-naha ta' wara taghha, ammontanti fi kliem ix-xhud ghal madwar elf mija u wiehed u erbghin Liri Maltin (LM1141), li thallsu kollha lis-socjeta` konvenuta b'cekk numru 40403 u li ghaliha ma kienx hemm skambju ta' ricevuti peress illi hekk normali li jsir bejn is-socjetajiet ta' l-assikurazzjoni.

Is-somma ta' elf, mija u wiehed u erbghin Liri Maltin (LM1141) hija maqsuma in kwantu ghal sitt mija u tnejn u disghin Liri Maltin u disa` u erbghin centezmu (Lm692.49) rappresentanti il-hsara sofferti mill-vettura fuq quddiem taghha u li ghalihom allura s-socjeta` attrici kienet lesta li thallas u in kwantu ghal bilanc ta' erba` mija u tmienja u erbghin Liri Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm448.53), s-somma allura riklamata b'dawn l-odjerni proceduri.

Ix-xhud esebixxa ukoll DOK HS 3 li hija fax mibghuta mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta datata 4 ta' Marzu 2005 u li permezz taghha l-istess socjeta` attrici spjegat il-posizzjoni taghha u talbet ir-rimbors tas-somma pretiza f'din l-istess kawza.

L-istess xhud esebixxa ukoll DOK HS 4 li hija kopja ta' l-istess fax u fiha r-risposta bil-miktub tas-socjeta` konvenuta, fejn principalment jinghad illi Montaldo ma kienux qed jaccettaw ir-responsabbilita` ta' l-assikurat taghhom u kienu qeghdin izommu lill-assikurat tas-socjeta` attrici responsabbli ghal dawk id-danni.

Waqt il-kontro-ezami, l-istess xhud uniku f'dawn il-proceduri jghid illi c-cekk pagabbli lis-socjeta` konvenuta inhareg fil-31 ta' Awissu 2004.

Il-kawza giet trattata mill-partijiet fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2005 u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Konsiderazzjonijiet

Is-socjeta` attrici tistrieh fuq l-uniku xhud prodott u d-dokumenti minnu esebiti fil-kors ta' din il-kawza.

Minn naha taghha, s-socjeta` konvenuta qed issostni illi ma ngiebet ebda prova illi sar il-hlas u li jekk sar il-hlas, dan ghax kien dovut skond min kellu t-tort fl-incident de quo.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi mix-xhieda ta' Hubert Said prodott mis-socjeta` attrici u mid-dokumenti minnu esebiti jirrizulta illi l-hlas sar fis-somma intiera, inkluz is-somma

riklamata permezz ta’ dan l-Avviz, u illi l-uniku raguni ghaliex is-socjeta` konvenuta hasset illi ma kelliex tirrifondi lura s-somma hawnhekk riklamata johrog minn DOK HS 4 - mhux kontestat, ossia` illi Montaldo Insurance ma kienx qed jaccetta responsabbilita` ghall-hsarat fuq wara tal-vettura ta’ l-assikurat tas-socjeta` konvenuta, u allura ma kienx ser isir ir-rifuzjoni tas-somma hawnhekk riklamata.

Illi filwaqt illi huwa minnu illi DOKS HS 3 u HS 4 ma jistupulawx is-somma li thallset mis-socjeta` attrici lil dik konvenuta fil-31 ta’ Awissu 2004, pero` mill-uniku xhud mhux kontradett (u t-tribunal ihoss illi dan jikkostitwixxi prova sufficjenti), jirrizulta illi thallsu elf mija u wiehed u erbghin Liri Maltin (Lm1141.00). L-istess xhud ta’ mhux biss id-data tac-cekk izda anke in-numru tac-cekk relattiv, u dawn id-dettalji ma gew b’ebda mod kontradetti u anqas ma gie ppruvat mod iehor jew ma tressqet xi forma ta’ prova illi tista’ titfa` dubbju fuq dak li tressaq quddiem it-Tribunal.

*Biex ir-radd tal-hlas mhux misthoqq jista` jintalab lura jinhtieg li dak il-hlas ikun sar bi zball. Il-pagament hu maghmul bi zball meta jsir fl-opinjoni zbaljata li tkun qeghda tigi ezegwita obbligazzjoni, minghajr distinzjoni bejn zball ta’ fatt u zball ta’ dritt.*

*Mill-qari ta’ l-Artikolu 1022(1) tal-Kap 16, hu evidenti illi l-fondament ta’ l-azzjoni ta’ l-indebiti solutio huwa f’min ikun ihallas, liema zball ma ghandux japprofitta minnu min ikun ircieva l-hlas skond il-massima ta’ gustizzja naturali “jure naturae aequm est neminem cum alterius detrimento fieri locupletiorem.* [The Margarine Import Co. Ltd. vs Kontrollur tad-Dwana – Prim Awla tal-Qorti Civili – 3.10.2003]

*L-estremi mehtiega mill-ligi u mid-duttrina ghall-azzjoni ta’ indebiti solutio huma tlieta u cjoe:- (a) il-pagament; (b) id-difett ta’ kawza, ezempju mankanza jew inezistenza tad-debitu (“indebitus ex re”) jew mankanza tal-kwalita` ta’ kreditur fl-“accipiens” jew ta’ dik tad-debitur fis-solvens (“indebitus ex personis”) u (c) l-errur fl-accipiens jew fis-*

*solvens.* [Korporazzjoni EneMalta vs Renato Sacco – Qorti ta’ l-Appell – Sede Inferjuri – 16.12.2002].

It-Tribunal ihoss illi dawn it-tlett elementi gew ppruvati mis-socjeta attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal ma jhossx illi jista` jasal ghall-istess konkluzjoni tas-socjeta` konvenuta, ossia illi s-socjeta` attrici naqqset milli ggib prova tal-hlas maghmul. Lanqas ma jista` jasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha s-socjeta` konvenuta illi l-hlas li sar kien dovut skond minn kellu tort fl-incident de quo.

Konkluzjoni

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara illi ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz x-xhieda u d-dokumenti prodotti u t-trattazzjoni ta’ l-abbli Avukati difensuri tal-partijiet, b’ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta, jilqa` t-talbiet maghmula mis-socjeta` attrici u jikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas lil dik attrici s-somma ta’ erba` mija u tmienja u erbghin Liri Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm448.53) ghar-ragunijiet dedotti fl-Avviz.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz kontra s-socjeta` konvenuta.”

Is-socjeta` konvenuta ppromuoviet appell kontra din is-sentenza bl-aggravju li l-konkluzjoni tat-Tribunal kienet erronea.  Hi tikkontendi illi s-socjeta` attrici ma ressqitx provi sodisfacenti li jsostnu l-azzjoni ta’ ripetizzjoni minnha promossa.  Hi ssostni li ma kienx bizzejjed li jixhed impjegat tas-socjeta` attrici dwar dak li skond hu kien thallas zejjed izda kellha tigi dimostrata li l-hlas effettwat kien jiskaturixxi minn danni subiti f’ incident awtomobilistiku;

Fl-ewwel lok is-socjeta` attrici ggib ‘il quddiem b’ eccezzjoni illi l-Kapitolu 380 ma jippermittix dritt ta’ appell

fejn l-ammont mitlub ikun anqas minn hames mitt lira (Lm500), hlief fil-kazijiet kontemplati fl-Artikolu 8 (2), senjatament, sub-paragrafu (d) tieghu. Invece, skond is-socjeta` attrici, l-aggravju interpost ma hu xejn hlief tentattiv sabiex il-kawza terga' tinstema' *ex novo*. F' kull kaz, tissottometti fil-meritu illi t-Tribunal korrettement iddecieda ghab-bazi tal-prova unika mressqa, u li ma giet b' ebda mod ikkontrastata mis-socjeta` appellanti;

Jinghad fil-parti decizjorja tas-sentenza attakkata illi t-Tribunal iddetermina l-kaz quddiemu bl-applikazzjoni ta' l-ekwita`. Il-Qorti allura trid tara jekk din ir-regola tad-dritt ekwitattiv gietx mit-Tribunal sewwa adoperata, attiz li l-aggravju sottomess lilha jikkonsisti minn censura da parti tas-socjeta` appellanti dwar il-mod kif it-Tribunal iddelibera u ddecieda l-vertenza bl-adoperu ta' din l-istess regola;

L-azzjoni esperita mis-socjeta` attrici hi dik fondata fuq il-kwazi-kuntratt ta' pagament ta' indebitu ossija dik ta' ripetizzjoni. Azzjoni din cirkoskritta, skond id-dottrina prevalenti, bejn is-*solvens*, ossija dak li ghamel il-hlas, u l-*accipiens* ossija dak li rcevih. Ir-rekwiziti taghha huma l-pagament, l-indebitu u l-izball f' min hallas ("**Maria Bianco -vs- Nutar Paul Pellegrini Petit**", Prim' Awla, Qorti Civili, 25 ta' Mejju 1954). Ghaldaqstant "kull min, billi jahseb bi zball li hu debitur, ihallas dejn, ghandu jedd jitlob il-hlas lura minghand il-kreditur. Fi kliem iehor, jekk wiehed ikun ghamel pagament billi jkun jahseb bi zball li dak il-pagament kien dovut, filwaqt li fil-verita` ma kienx dovut, ghandu dritt jirrepeti mir-ricevent il-haga li jkun hallas." ("**Maria Grech -vs- Filippo Abela**", Qorti tal-Kummerc, 11 ta' April 1961);

Jitnissel minn dan illi "l-fondament ta' l-azzjoni ta' indebitu huwa l-izball f' min ikun hallas; liema zball ma ghandux japprofitta minnu min ikun ircieva l-hlas, skond il-massima ta' gustizzja naturali '*jure naturae aequum est neminem cum alterius detrimento fieri locupletiorem*" ("**Alfred Tonna *et* -vs- Carmela Bugeja *et***", Appell Civili, 8 ta'

Frar 1957 u "**Frank Schembri -vs- George Scicluna**", Appell Civili, 24 ta' Ottubru 1975);

Fermi dawn il-principji ta' dritt, is-success, o meno, ta' azzjoni simili tiddependi mill-valutazzjoni tal-provi. Opportunement , pero`, ghal dak li jikkoncerna l-piz tal-prova jinsab ritenut f' din l-ahhar decizjoni accennata illi "jekk ma ssirx il-prova ta' dak l-izball fis-*solvens* u b' mod specjali jekk issir il-prova li dak is-*solvens* kien jaf bic-cirkostanzi li mhabba fihom hu ma kienx tenut ghall-hlas, allura ma ghandux id-dritt ghar-ripetizzjoni ta' dak li hallas, ghaliex *indebitum solutum sciens non recte repetit*, u allura f' kaz bhal dan, min ikun hallas ma jkollux ragun jilmenta, u *imputet sibi* jekk kellu xi dannu" (**Kollez. Vol. XLI P I p 76**);

Jikkonsegwi minn dan illi jispetta qabel xejn lis-socjeta` attrici li tipprova l-pagament avvenut u l-inezistenza tal-*causa solvendi*. In partikulari, trid tipprova l-fatt kostitutiv tad-dritt taghha ghar-ripetizzjoni u, cjoe, li hallset import superjuri ghad-debitu proprju. Jinghad a propozitu mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (**13 ta' Frar 1998, Numru 1557**), "*poiche l' inesistenza della 'causa debendi' - parziale, se l' obbligo è esistente in minor misura - è un elemento costitutivo (unitamente all' avvenuto pagamento e al collegamento causale), della domanda di indebito oggettivo, la relativa prova - mediante fatti positivi contrari, o anche presuntivi - incombe all' attore*";

Dan premess, il-fatti tal-kawza huma kif esposti fis-sentenza appellata u allura l-kwestjoni li kellha tigi rizolta kien jekk is-socjeta` attrici appellata skarikatx l-oneru inkumbenti fuqha li turi positivament il-fatt kostitutiv migjub minnha ghab-bazi tad-dritt pretiz ghall-hlas lura;

Ma hemmx kwestjoni illi d-deduzzjoni ta' prova permezz ta' xhud issir permezz ta' indikazzjoni specifika tal-fatti. Dan naturalment ghall-iskop duplici: (i) il-valutazzjoni ta' dik il-prova mill-gudikant, u (ii) biex tikkonsenti lil kontro-

parti jipprepara kontro-ezami adegwat. Indubbjament, dik il-valutazzjoni mill-gudikant tikkostitwixxi apprezzament ta' mertu mhux suxxettibbli ta' sindakar f' sede ta' appell jekk jinstab li hu korrettement motivat. Fil-fehma tal-Qorti t-Tribunal sewwa immotiva l-gudizzju tieghu f' dan il-kaz. Huwa sab li s-socjeta` attrici konvincentement iddemostrat il-kaz taghha u d-dritt li tieghu talbet it-tutela gudizzjarja. Minn naha l-ohra, huwa rrifletta wkoll fuq il-fatt illi s-socjeta` appellanti ma ressqet ebda prova biex tikkuntrasta l-pretensjoni ta' l-indebitu u ta' l-eccess tal-pagament li sarilha. Jekk wiehed joqghod imbaghad ghall-eccezzjoni taghha li hi rceviet biss dak dovut, kien certament jinkombi fuqha, una volta verifikata u stabbilita l-asserzjoni tas-socjeta` appellata ta' l-indebitu, illi ggib 'il quddiem "*la dimostrazione di altre eventuale fonte di debito*" (Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, **28 ta' Lulju 1997, Nurmu 7027**);

Gjaladarba, kif gja rilevat, it-Tribunal sejjes l-parti decizjorja tieghu fuq il-principju ta' l-ekwita`, ikun wisq opportun jekk jigu ripetuti b' konkluzjoni l-kliem estratt f' din is-silta mis-sentenza fl-ismijiet "**Joseph Rossi -vs- Victor Cilia *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 11 ta' Marzu 1970, per Imhallef Maurice Caruana Curran:-

"Id-dritt ta' l-attur ghar-ripetizzjoni ta' dak li hallas lill-konvenut bhala ndebitu huwa fondat fuq il-principju kbir ta' l-ekwita` li ma tippermettix li wiehed jarrikixxi ruhu b' dannu ta' ghajru."

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata u b' hekk tichad l-appell interpost, bl-ispejjez ta' din l-istanza jitbatew mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------